**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 483/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Antonella Vella**
**(ID 405784(M))**

**Illum: 31 ta' Ottubru, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Antonella Vella** ta' 27 sena, bint Angelo u Josephine nee` Vella, imwielda l-Pieta`, nhar is-16 ta' Awwissu 1984, residenti Bini tal-Gvern, Flt 7, Triq l-Erbatax ta' Diċembru 1945, Fgura, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 405784(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta` Ġunju 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hi ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Saqet vettura bil-mutur u ċioe` BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047, jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew saqitha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Użat jew ġegħlet jew ħalliet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur, u ċioe` BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047, fit-toroq kemm il darba, għall-użu tal-vettura minnha jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-istess Ordinanza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'ħaż ta' sejbien ta' ħtija, tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew milli tikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2013, l-imputata wieġbet li m'hijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha[2];

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;[3]

---

[1] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 32 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-**Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech** jirriżulta illi fuq skorta ta' informazzjoni li seta' kien qed isir xi traffikar ta' droga minn ġewwa l-appartament 'Roses', Flat 1, Triq Mikiel Calleja, Tarxien, fejn kien jirrisjedi ċertu Grazio Calleja, huwa bagħat uffiċjali tal-Pulizija sabiex josservaw l-akkwati u jekk ikun hemm il-ħtieġa jagħmlu tfittxijiet. Jixhed illi nhar it-3 ta' Ġunju 2012, waqt li l-uffiċjali tal-Pulizija kienu qed josservaw dan l-appartament, osservaw vettura tal-għamla BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 misjuqa minn Antonella Vella ossia l-imputata odjerna, filwaqt illi passaġġier magħha kien hemm ċertu Stephen Borg. Ikompli jixhed illi din il-vettura ma kinitx liċenzjata għat-triq u dan stante illi l-liċenzja fuq il-vettura kienet tgħajjat lil vettura oħra u għalhekk din ittieħdet ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Jixhed ukoll illi tfittxija li saret fuq l-imputata rriżultat fin-negattiv, kif ukoll illi l-istess imputata rrilaxxjat stqarrija wara li ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, u wara li rrifjutat li tottjeni parir legali. Mill-istess stqarrija fil-fatt jirriżulta illi l-imputata ġiet imwissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq titkellem, iżda dak li tgħid seta' jinġieb bħala prova, u ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx.[4] L-Uffiċjal Prosekutur imbagħad jirreferi għall-kontenut ta' din l-istqarrija.

L-Ispettur Fenech jixhed ukoll illi wara li saret tfittxija fl-appartament in kwistjoni, huwa kellu ħjiel illi l-imputata u Stephen Borg kienu għamlu xi żmien fl-istess appartament, kif ukoll illi kien hemm kamra tas-sodda li kienu jqattgħu xi ħin fiha. Jgħid illi waqt tfittxija fl-istess kamra tas-sodda nstab xi trab abjad, iżda meta mistoqsija dwaru, l-imputata ċaħdet li kienet taf dwaru jew illi kellha x'taqsam miegħu.

Jixhed in oltre illi l-vettura in kwistjoni ma kinitx tal-imputata iżda tas-sieħeb tagħha, Stephen Borg, imma din kienet qed tinstaq minnha. Hawnhekk l-Ispettur Fenech jerġa' jirreferi għal dak li stqarret l-imputata fis-sens illi għalkemm hija saqet din il-vettura, hija ma kinitx taf li ma kellhiex polza ta' assigurazzjoni u kien għalhekk illi huwa pproċeda fil-konfront tagħha permezz tal-imputazzjonijiet odjerni. Fi kliemu, "*Jiena x'nipprezenta m'ghandi xejn ghax ma kontx sibt xejn pero hrigt ic-charges skond ma qaltli hi fl-istqarrija*".[5]

In kontro-eżami, l-Uffiċjal Prosekutur jixhed illi l-unika prova li kellha l-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputazzjoni dwar il-pussess tad-droga kienet l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata. Dwar id-droga li nstabet fil-kamra tas-sodda,

---

[4] Ara l-istqarrija tal-imputata esebita a fol. 19 sa 21 tal-proċess bħala Dok. JF.
[5] Ara a fol. 17 tal-proċess.

huwa jixhed illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex il-prova tan-ness bejn l-imputata u l-istess droga. Ikompli jgħid hekk: "*Pero, jiena a bazi ta' dak li qaltli hi waqt l-istqarrija hrigt ic-charges. Fuq il-vettura imbaghad dawk huma fatti, rawha biha, rawha ssuq bla licenzja u hrigt ic-charges*".[6]

**PC 760 Christopher Saliba** jixhed illi nhar it-3 ta' Ġunju 2012 kien twaqqaf ċertu Stephen Borg minn PS 579 ġewwa Triq Mikiel Calleja, Fgura u illi ftit tal-ħin wara l-istess Surġent tah struzzjonijiet sabiex jagħmel tfittxija ġewwa l-vettura tiegħu tal-għamla BMW, bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047. Fil-vettura ma nstab xejn illegali, iżda il-*license disk* imwaħħla mal-*windscreen* ma kinitx tal-istess vettura. Huwa nforma b'dan lill-Ispettur Johann J. Fenech u l-vettura ġiet meħuda ġewwa l-garaxx tal-Pulizija.[7]

**WPC 127 Carmen Gauci** tixhed illi nhar it-3 ta' Ġunju 2012, hija għamlet tfittxija fuq l-imputata odjerna, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Tixhed ukoll illi saret tfittxija ġewwa l-fond 'Roses Flat', appartament numru 1, Triq Mikiel Calleja, Fgura u illi hemmhekk hija għamlet tfittxija fi *spare bedroom*, "*fejn fil-parti ta' wara tieghu fejn jidhlu l-batteries kien hemm zewg pakketti b'sustanza bajda*"[8].[9]

**PS 579 Antoine Micallef** jixhed illi fit-3 ta' Ġunju 2012, għall-ħabta tal-10.00 a.m., saret tfittxija ġewwa l-fond imsemmi ossia fir-residenza ta' Grezzju Calleja, fejn kienu jirrisjedu wkoll Stephen Borg u Antonella Vella. Huwa jixhed ukoll illi waqt tfittxija li saret fil-kamra fejn kienu joqogħdu Borg u Vella, mill-gwardarobba, ġiet elevata borża li kienet tikkontjeni erbat iqratas u borża oħra li kienet ħdejha u li kien fiha trab abjad ukoll. Mir-radju wkoll ġew elevati żewġt iqratas oħra bi trab abjad. Fil-gwardarobba nstabu wkoll dokumenti li kienu jgħajtu lil Stephen Borg. Jixhed ukoll illi huwa ma kienx involut fit-tfittxija li saret fil-vettura.[10]

**Stephen Cachia** in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport jixhed fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2014, illi l-vettura tal-għamla BMW 525 ta' kulur *maroon* bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 hija reġistrata fuq Anthony Tanti (ID 772755(M)) għan-nom ta' Topper Auto Dealer u illi din il-vettura kienet ilha hekk reġistrata mis-7 ta' Novembru 2011.[11]

---

[6] Ara a fol. 17 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech tinsab a fol. 15 sa 18 tal-proċess. Il-Qorti tosserva illi huwa evidenti illi l-ewwel parti tat-tieni paragrafu u r-raba' paragrafu tat-tieni paġna tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech (a fol. 16) tirreferi għall-każ ieħor u mhux għall-każ odjern.
[7] Ara a fol. 8 tal-proċess.
[8] A fol. 10 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 10 u 11 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 12 u 13 tal-proċess.
[11] Ara x-xhieda a fol. 24 u 25 tal-proċess u d-dokument esebit mix-xhud Dok. SC a fol. 30 u 31 tal-proċess.

**L-imputata Antonella Vella** għażlet illi tieħu l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri. Tixhed illi dak iż-żmien hi u s-sieħeb tagħha Stephen Borg kienu jwasslu lil Grezzju, li kunjomu ma ftakritux, ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox*. Fil-jum in kwistjoni, hija marret tixtri mingħand *James Confectionery*, li jiġi kantuniera wara r-residenza ta' Grezzju u ħabbtitlu, iżda dan ma fetaħx. Tgħid illi dak il-ħin kienet mal-ħabiba tagħha, Charlene, u illi hija poġġiet ix-xirja fil-basket filwaqt illi lil Charlene ħarbilha l-kelb. Skont hi, il-vettura kienet ipparkjata. Din kien xtraha Grezzju lis-sieħeb tagħha, Stephen Borg. Tgħid illi hija daret u poġġiet ix-xirja fil-vettura biex ma jaħrabilhiex il-kelb. Imbagħad ħabbtet, ħadet ix-xirja mill-vettura u telgħet 'il fuq għand Grezzju. Tgħid ukoll illi l-bieb ta' Grezzju fetħuh il-Pulizija li kienu fir-residenza. Hemmhekk ġew arrestati. Dwar il-vettura hija tixhed illi Grezzju kien xtraha mingħand it-Topper u illi din kellha xi ċitazzjonijiet. Sakemm ħalsu l-polza tal-assigurazzjoni, ħallewha pparkjata hemm. Tixhed ukoll illi l-Pulizija ġabru l-istess vettura. Dan kien il-Ħadd. Skont hi, it-Tnejn ippreżentat l-irċevuta tal-ħlas tal-polza tal-assigurazzjoni u ħadu l-vettura lura. Tgħid illi l-vettura kienet assigurata, qalet b'dan lill-Pulizija u pprovdiet il-prova lill-Ispettur u illi kieku kien xort'oħra ma kinux ser jagħtuha l-vettura lura. Tixhed ukoll illi meta waslu l-Pulizija fl-appartament ta' Grezzju, hija ma kinitx hemm, iżda sabithom hemm meta waslet fl-appartament, tant li fetħulha huma. Dak il-ħin fl-appartament kien hemm Grezzju u ċerta Stephanie. Magħha kien hemm Stephen u Charlene għax kienu telgħin bix-xirja, meta ħabtu fuq il-bieb ta' Grezzju. Tgħid illi l-Pulizija għamlu tfittxija fid-dar ta' Grezzju u sabu xi droga, iżda Grezzju ammetta li din kienet tiegħu. Skont hi, il-vettura kienet hemmhekk għax kien ħadha hemm Grezzju u mhux huma. Ma tiftakarx f'isem min kienet l-assigurazzjoni, iżda mbagħad Stephen għamilha fuq ismu. Tgħid illi hija marret tħallas l-polza tal-assigurazzjoni l-Ġimgħa, iżda ma kellhiex flus biżżejjed u ngħatat l-irċevuta min-naħa tal-assigurazzjoni t-Tnejn, liema irċevuta ppreżentata lill-Ispettur sabiex taha lura l-vettura fl-istess jum.

In kontro-eżami, meta ġie ssuġġerit lilha illi f'Ġunju 2012, hija kellha l-vizzju tal-kokaina, l-imputata twieġeb "*Dak iz-zmien forsi*"[12]. L-Uffiċjal Prosekutur jagħmel referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputata u jissuġġerixxi lill-imputata li dakinhar kienu tliet persuni fil-vettura ossia hi, Stephen Borg u Charlene Cooper u dan skont ma kienet qalet fl-istqarrija. Hija twieġeb illi dak il-ħin hija kienet ħdejn il-bieb u mhux fil-vettura u tgħid illi fl-ebda ħin hija ma qalet illi Stephen kien fil-vettura. Lanqas huma ma kienu fil-vettura. Tiċħad li dakinhar kienu bil-vettura. Tgħid illi hija kienet toqgħod il-Fgura, li hemmhekk kienu Ħal Tarxien u illi hija ma kinitx toqgħod 'il bogħod u mxiet mid-dar tagħha għal ħdejn Grezzju. Tgħid ukoll illi l-vettura kienet ipparkjata ħdejn Grezzju. Tgħid illi marret Santa Venera għal Charlene b'vettura oħra, iżda nsiet x'kienet din il-vettura għax għadda ż-żmien. Tgħid illi l-Pulizija sabu l-vettura BMW

[12] A fol. 54 tal-proċess.

ipparkjatha u illi lilha ma qabduhiex f'din il-vettura. Mistoqsija mill-Qorti għaliex allura l-basket tax-xirja poġġietu fil-vettura BMW u mhux fil-vettura l-oħra, l-imputata wieġbet illi għamlet dan għaliex kellha ċ-ċavetta tal-BMW.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar it-3 ta' Ġunju 2012, liema stqarrija kif ingħad ġiet rilaxxjata minnha lill-Pulizija Eżekuttiva wara li hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħatat il-jedd illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema jedd hija għażlet illi ma teżerċitahx.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u dan stante illi hija ma kinitx assistita waqt l-interrogatorju tagħha. Dwar dan, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tinnota illi fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata bil-jedd illi tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, liema jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022) u fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata bħala nieqsa minn valur probatorju. Huwa evidenti illi fl-istqarrija rilaxxjata minnha l-imputata għamlet dikjarazzjonijiet inkriminanti, oltre illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-istqarrija hija proprju l-unika prova li ġabet mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputata mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tagħha bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in kwantu rrefera għall-kontenut tal-istqarrija tal-istess imputata. In oltre il-Qorti tqis illi dan għandu japplika wkoll in kwantu x-xhieda in kontro-eżami tal-imputata u dan stante illi anke hawn l-Uffiċjal Prosekutur għamel referenza ampja waqt l-istess kontro-eżami għall-istqarrija rilaxxjata minnha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputata tinsab akkużata bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina u dan b'referenza għat-3 ta' Ġunju 2012 u x-xhur ta' qabel din id-data.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi t-tfittxija illi saret fuq il-persuna tal-imputata nhar it-3 ta' Ġunju 2012 irriżultat fin-negattiv, kif irriżultat fin-negattiv ukoll it-tfittxija fil-vettura AAJ 047, salv għall-kwistjoni tal-liċenzja tal-istess vettura. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, kif ingħad, l-Uffiċjal Prosekutur jixhed illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija ma rriżulta l-ebda ness bejn id-droga misjuba fl-appartament li fih kien jirrisjedi Grazio Calleja u l-imputata odjerna. Fil-fatt in kwantu l-ewwel imputazzjoni, l-istess Uffiċjal Prosekutur jixhed ukoll illi l-imputata ġiet akkużata bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnha.

La darba skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tqis illi l-atti proċesswali ma jipprovdux prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni. Veru illi għad-domanda tal-Uffiċjal Prosekutur in kontro-eżami, meta ġie ssuġġerit lilha illi hija kellha l-vizzju tad-droga kokaina f'Ġunju 2012, l-imputata wieġbet "*dak iz-zmien forsi*", iżda fir-rigward il-Qorti tqis fl-ewwel lok, illi hawnhekk l-Uffiċjal Prosekutur kien qed jagħmel domandi fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata li, kif ingħad, il-Qorti m'hijiex qed tieħu konjizzjoni tagħha għall-fini tal-kunsiderazzjonijiet fil-mertu, u fit-tieni lok, fi kwalunkwe każ, din it-tweġiba lanqas tista' titqies bħala prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli sabiex issostni l-ewwel imputazzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad l-imputata ġiet akkużata talli saqet il-vettura BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 mingħajr liċenzja tas-sewqan jew mingħajr liċenzja tat-triq fuq l-istess vettura jew talli saqet b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tat-tielet imputazzjoni ġiet akkużata wkoll talli wżat il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 fit-triq mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis f'dan ir-rigward illi l-Ispettur Johann J. Fenech xehed illi l-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed josservaw ir-residenza ta' Grazio Calleja osservaw vettura tal-għamla BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAJ 047 misjuqa mill-

imputata odjerna, liema vettura ma kellhiex liċenzja u kien għalhekk illi l-imputata ġiet akkużata b'dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

Madankollu, ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proċeduri ma kkonferma illi kien ra lill-imputata odjerna ssuq l-imsemmija vettura u għalhekk dak li xehed fir-rigward l-Uffiċjal Prosekutur jibqa' biss *detto del detto* ossia xhieda fuq kliem ħaddieħor.

Fir-rigward tax-xhieda tal-imputata, kif ingħad, il-Qorti m'hijiex qed tieħu konjizzjoni tal-kontro-eżami tagħha u dan fid-dawl tar-referenza ampja li għamel l-Uffiċjal Prosekutur għall-istqarrija rilaxxjata minnha waqt din il-parti tax-xhieda tagħha. Da parti tagħha, in eżami, hija ċaħdet illi kienet qed issuq din il-vettura. Hija tixhed illi marret tixtri bil-mixi minn ħanut fl-akkwati u hekk kif marret tħabbat fuq il-bieb tar-residenza ta' Calleja ħarbilha l-kelb u għalhekk poġġiet ix-xirja fil-vettura in kwistjoni sabiex tmur għalih. Tgħid illi kien Calleja li pparkja l-vettura fil-post fejn kienet u illi huma ħallewha pparkjata hemmhekk sakemm iħallsu l-polza tal-assigurazzjoni.

Filwaqt illi l-Qorti tqis bħala qajla verosimili l-verżjoni tal-imputata fis-sens illi hija poġġiet ix-xirja fil-vettura in kwistjoni sabiex tmur għall-kelb li, skont hi, kien ħarbilha u illi kien proprju għalhekk illi fetħet din il-vettura, u dan b'mod partikolari meta wieħed iqis illi dak il-ħin mal-imputata kien hemm ukoll ċerta Charlene, kif ukoll is-sieħeb tagħha Stephen Borg, mill-banda l-oħra kif ingħad, ma tirriżulta l-ebda prova, illi fil-jum in kwistjoni, jew inkella fix-xhur ta' qabel din id-data, l-imputata saqet l-istess vettura.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet lanqas ma jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata **Antonella Vella** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qegħda tilliberaha minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat